TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Angolina Gauci

vs

Caprice Glass Works Ltd

CCT 1/18/MS

10 ta' Lulju 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-3 ta' Jannar 2018 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €234.00, prezz ta' *glass shower (fixed u door)* mixtri mis-socjeta' intimata, liema hgiega ma' kenitx taqbel wahda mal-ohra u l-qies ma kienx tajjeb.

Ra illi s-socjeta' intimata ma dahlet l-ebda risposta u lanqas ma dehret quddiem dan it-Tribunal meta hekk imsejha biex taghti l-versjoni taghha.

Ra illi fil-25 ta' Lulju 2018 deheret rapprezentant tas-socjeta' intimata fejn infurmat lit-Tribunal illi l-indirriz tas-socjeta' intimat kien inbidel u l-kawza giet differita ghal 31 ta' Ottubru 2018.

Ra illi fil-31 ta' Ottubru 2018 hadd ma deher ghas-socjeta' intimata u l-kawza giet differita ghall-provi kollha tas-socjeta' intimata ghad-9 ta' Jannar 2009.

Ra l-verbali tal-15 ta' Frar u tat-3 ta' April 2019 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-process.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Irrizulta mill-provi illi fit-12 ta' Gunju 2017 ir-rikorrenti, tramite l-*plumber* taghha, ordnat l*aminated shower* minghand s-socjeta' intimata u hallset depozitu ta' €100.00.
F'Settembru r-rikorrenti rceviet il-bieba tax-*showe*r minghajr il-kumplament u qalulha biex twahhalha u ghalkemm kien hemm xi nuqqasjiet fil-hxuna tal-hgieg, ir-rikorrenti ddecidiet illi zzommha u tircievi discount ta' €50 - jigifieri minflok thallas €350, thallas biss €300.

Peress illi kienet diga hallset depozitu ta' €100, kien fadallha thallas €200.00. Gabret il-kumplament tas-shower u hallset il-bilanc ta' €200, pero' skopriet illi l-hgiega tal-bieb ma kenitx taqbel mal-kumplament ghaliex wahda kienet *clear* u l-ohra kienet griza fl-ahdar u l-qies kien differenti wkoll. Meta avzat lis-socjeta' intimata b'dan, qalulha biex taqla kollox u jaghtuha l-flus lura. Fil-fatt hekk ghamlet pero' ma rcevietx flusha lura. Weghduha li ha jibghatu cekk pero' dan qatt ma wasal. It-Tribunal ha konjizzjoni ta' messagg fejn jidher car illi l-intimati qalulha li c-cekk kien ser jigi mpustat. Jidher illi c-cekk ntbaghat f'indirizz li ma kienx tar-rikorrenti u r-rikorrenti avzathom biex jibghatu c-cekk fuq indirizz iehor u jikkancellaw l-ewwel wiehed. Minkejja l-isforzi kollha tar-rikorrenti, dan ic-cekk baqa' ma waslax ghandha. Lejn l-ahhar ta' Dicembru 2017, ir-rikorrenti giet offruta *shower* iehor pero' ma accettatx l-offerta ghax kienet diga' xtrat *shower* minghand terzi.

Peress illi t-Tribunal m'ghandux il-konfort tal-versjoni tas-socjeta' intimata m'ghandu l-ebda raguni ghaliex ghandu jiddubita mil-versjoni moghtija mir-rikorrenti. Din hija wahda verosimili, abbinata bid-dokumenti li jwasslu lit-Tribunal ghal konkluzjoni li r-rikorrenti rnexxielha tipprova l-kaz taghha fil-grad li trid il-ligi.

Ghal din ir-raguni, it-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lis-socjeta' intimata li thallasha s-somma ta' €234.00, bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru